TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/51/21/S

Godfrey u Doreen konjuġi Grech

vs

Ian Paul Galea

Illum 24 t'Ottubru, 2024

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Godfrey u Doreen konjuġi Grech ipprezentata fit-18 ta' Marzu, 2021, filwaqt li Ian Paul Galea għalkemm debitament notifikat baqa' ma ppreżenta ebda risposta u lanqas deher quddiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti ppreżentati, u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kċina illi minnha l-intimat ħa l-bibien u l-faċċati tal-kxaxen għax bdew jinfetħu, u baqa' sal-ġurnata tal-lum ma rritornahomx lir-rikorrenti;

Illi jingħad mill-ewwel li l-intimat naqas milli jwieġeb għat-talba tar-rikorrenti u lanqas deher għas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal għandu quddiemu verżjoni waħda u ċioè dik tar-rikorrenti, li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'għandux x'jixtarr dak mitlub u kemm dan hu ġustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega kif wasal għat-talba mitluba u ppreżenta kwotazzjoni minnu meħuda;

Illi min-naħa l-oħra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jagħti l-verżjoni tiegħu;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba ta' Godfrey u Doreen konjuġi Grech u Jordna lil Ian Paul Galea jħallas lil Godfrey u Doreen konjuġi Grech is-somma ta' €2,500 (elfejn u ħames mitt Ewro).

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-istess intimat Ian Paul Galea.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888